Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-21 ta' Novembru 2024**

**Kump. Nru. 751/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**

**Versus**

**Alan Grech**
**(419887M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Alan Grech** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 419887M.

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Awwissu 2019, ghal habta ta' bejn 21:00hrs u 22:00hrs gewwa l-Kalkara :

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Carl Ethan Zerafa, u dan ai termini ta' Artikoli 214, 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Alan Grech a beneficcju ta' Carl Ethan Zerafa u familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Carl Ethan Zerafa u familjari taghha jew sabiex jinzamm il-boni ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Alan Grech b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata

mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Alan Grech sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli pprezentati fit-8 ta' Marzu 2022 (esebiti *a fol.* 151, ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(b)tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 383, 384, 385 tal-Kodici Kriminali , Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fid-29 ta' Settembru 2022, wara li inqraw l-artikoli l-imputat wiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xiehda ta' Carl Elton Zerafa, PC 791 John Borg, Dr. Peter Cassar, Odelsi Vella, Jason Zammit, Christian Bonello u Dr. Mario Scerri.

Rat is-Social Inquiry Report maghmul mill-Ufficjal tal-Probation Odelsie Vella.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 12 ta' Gunju 2024.

Rat illi d-Difiza baqghet ma' pprezentatx in-Nota ta' Sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed il-*parte civile* Carl Elton Zerafa li ghazel li jixhed ghalkemm kien hemm proceduri fil-konfront tieghu. Ix-xhud qal illi hu ma jiftakarx id-data ta' meta sehh l-incident, imma jaf li kien fis-sajf tas-sena 2019 meta

kien nizel il-bandli tal-Kalkara mat-tfajla tieghu Marouska Azzopardi u mat-tfal. Kien hemm Alan Grech, li gharaf fl-awla, bil-qieghda fuq bank. It-tfajla tieghu poggiet fuq il-bank hdejh u Marouska bdiet taqbad ma' Alan biex tinkieh u hu beda jilletika ma' Marouska u hi keccietu u Alan beda miexi biex jitlaq, izda x'hin hares lura innuthom jidhku bih u rega' mar lura biex jara ghalfejn bdew jidhqu. Hu rega' beda jiggieled bil-kliem ma' Marouska u mar fuq il-karozza ta' Alan u taha daqqa ta' ponn fuq is-saqaf . Kif rah, Alan qam u tah daqqa ta' ponn f'wiccu, mhux cert jekk fin-naha tax-xellug u tefghu mal-art. Zammlu idejh tax-xellug fuq sidru u kompla jaghtih bil-ponn f'wiccu u hu ma setax jiccaqlaq. Hu beda jipprova jaghtih bis-sieq imma waqa' mal-art u Alan kompla jaghtih f'dahru. Alan u Marouska telqu bit-tfal taghhom u x'hin qam cempel lill-Pulizija mill-hanut ta' faccata, u dawn haduh l-ghassa u l-clinic ta' Rahal Gdid fejn baghtuh ghal xray il-clinic tal-Mosta. Ix-xhud qal illi hu kellu zewg *black eyes*, grif u mniehru miksur. Ix-xhud kompla jghid li qalulu li l-ksur jaghqad wahdu ghax kien kiser l-qarquca, izda ma tawhx medikazzjoni jew appuntamenti ohra.

Illi xehed PC791 li fis-6 t'Awwissu 2019 Carl Ethan Zerafa kien irraporta l-ghassa fil-23.00 li kien gie msawwat minn Alan Grech waqt illi kien il-bandli ta' Kalkara bejn id-21.00 u l-22.00. Hu ha l-verzjoni ta' Carl Ethan Zerafa dakinhar u 'l ghada kien ha l-verzjoni ta' Alan Grech, li gharaf fl-awla, wara li tah id-dritt tal-avukat u li jzomm is-silenzju.  Alan qal illi kien mar il-bandli tal-Kalkara mat-tfal u giet hdejh Marouska Azzopardi. Ftit wara kien mar l-ex gharus ta' Marouska, Carl Zerafa li pogga bil-qieghda fuq l-istess bank, per' dahru ma' dar maghhom. Carl u Marouska bdew jilletikaw u hin minnhom Carl kien ser jerfa' idejh fuq Marouska u hu qalilhom biex jieqfu. Dak il-hin Marouska qalet xi haga lil Carl u hu dahaq. Dak il-hin Alan qabad jghajjat mieghu u sabbat il-mobile u telaq u mar jaghti bil-ponn fuq il-windscreen u s-saqaf tal-karozza tieghu. Hu mar biex izomm lil Carl izda Carl qabad jaghtih u spiccaw f'xulxin tant illi wegga' subghajh il-kbir tal-lemin. Ix-xhud pprezenta certifikat ta' Dr. S. Mallia fejn kien hemm li l-griehi kienu ta' natura hafifa. Ix-xhud ipprezenta ir-rapport Dok JB1.

Illi xehed Dr. Peter Cassar li kkonferma li kien ra lil Carl Ethan Zerafa Rahal Gdid, fejn kellu bruising fuq mniehru u fuq dahru u grif m'idejh. Fl-xray li kien ittiehed il-Mosta, kien evidenti li kien hemm ksur f'imniehru. Ix-xhud ikkonferma li kien hareg ic-certifikat li jinsab *a fol.* 7

u pprezenta ukoll rapport li nhareg aktar tard dakinhar mir-radiologist, fejn gie ikkonfermat li kien hemm ksur Dok DPC1[1].

Illi fis-17 ta' Settembru 2020 xehdet Odelsie Vella, Probation Officer li pprezentat *Social Inquiry Report* li gie immarkat Dok OV1[2].

Illi fl-4 ta' Frar 2021, xehed Jason Zammit fejn qal illi d-dokument AG1 *a fol.* 24 kien case summary ta' Alan Grech, li kien ghamel operazzjoni fl-ghadma tal-polz tal-lemin fit-3 ta' Marzu 2020, wara li kien hemm xi incident xi sena u nofs qabel, ghalkemm hu ma setax jirrelata l-operazzjoni mal-incident ghax hu ma kellux involviment.

Illi xehed Dr. Christian Bonello fejn qal illi hu kien hareg ic-certifikat li jidher *a fol.* 24 wara li Alan Grech, li gharaf fl-awla, li kien pazjent tieghu, kien dahal l-isptar fit-3 ta' Marzu 2020 u l-procedura saritlu minhabba ksur fil-polz tieghu fl-4 ta' Marzu 2020. Hu ma jafx kif saret l-injury.

Illi fl-24 ta' Gunju 2021 xehed Dr Mario Scerri li kien ezamina lil Carl Zerafa wara li l-Qorti kienet hatritu fid-9 ta' Lulju 2020. Carl allega illi madwar sena qabel li gie ezaminat, kien qala' daqqa fuq imniehru mill-imputat Alan Grech. Hu kien iccekja li kien garrab frattura tan-nasal bone li hija lezjoni ta' natura gravi *per durata,* u kien ukoll spicca b'*diviated septum* li ghadu jidher vizwalment fuq naha wahda. Dan huwa rizultat ta' blunt trauma fuq l-imnieher u biex tigi indirizzata hemm bzonn ta' operazzjoni. Ix-xhud ipprezenta rapport li gie mmarkat Dok MS1[3]

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta illi fis-6 ta' Awwissu 2019 kien hemm argument il-bandli tal-Kalkara bejn Alan Grech u Carl Ethan Zerafa wara li kien beda argument bejn Carl Ethan Zerafa u l-ex tfajla tieghu Maroushka Azzopardi, li kienet bilqieghda hdejn Alan Grech. Skond l-istess *parte civile* t-tfajla bdiet tinkih u bdew jilletikaw u keccietu minn hdejha, u meta kien ser jitlaq induna li Alan u hi bdew jidhku. Hu rega' mar lura biex jara ghalfejn bdew jidku u rega' beda jargumenta mat-tfajla. Illi l-*parte civile* ammetta quddiem il-Qorti, illi hu mar jaghti daqqa ta' ponn fuq il-vettura ta' Alan Grech u fil-fatt ta daqqa fis-saqaf. Illi minn naha l-ohra l-imputat Alan Grech fil-

[1] Fol. 39
[2] Fol. 57 et seq
[3] Fol. 112

verzjoni tieghu qal, illi l-*parte civile* wara li ta daqqa fuq il-karozza tieghu, hu pprova jwaqqaf lil *parte civile* u gew fl-idejn, izda ma jiftakarx fejn laqat lil *parte civile* x'hin ipprova jiddefendi ruhu. Gie prezentat certifikat tat-tabib li ccertifika li Carl Ethan Zerafa kellu griehi gravi. L-espert mahtur mill Qorti, Dr. Mario Scerri, ipprezenta rapport li Carl kellu ksur f'mniehru li kien gravi *per durata* u li kellu *deviated septum* fuq in-naha tal-lemin li kien ghadu vizibbli *within walking distance*.

Illi fl-ewwel lok mix-xhieda tal-*parte civile*, id-data u l-hin ta' l-akkuza ma jirrizultawx stante illi l-*parte civile* ma setghax jiftakar id-data u lanqas il-hin ta' meta sehh l-allegat incident. Illi wkoll il-verzjonijiet ta' l-imputat u tal-*parte civile* huma differenti ta' kif graw il-fatti, stante illi l-*parte civile* meta ghamel ir-rapport naqas milli jinforma lil Pulizija li hu kien ta xi daqqiet fuq il-karozza ta' l-imputat. L-imputat fil-verzjoni tieghu mnizzla fir-rapport, zied jghid illi l-*parte civile* kien ser jgholli jdejh fuq l-ex tfajla tieghu stess, u kien dak il-hin li l-imputat waqqfu, illi l-*parte civile* mar jaghti fuq il-karozza ta' l-imputat. Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi l-verzjoni moghtija mill-*parte civile* mhix mill-verita' u kull dubju dettat mir-raguni ghandu jmur favur l-imputat.

Illi l-Prosekuzzjoni ukoll naqset milli tipprova l-kaz taghha, stante illi ma tellghatx lix-xhud li kienet hemm prezenti waqt dan l-incident, u cioe' Maroushka Azzopardi li tigi l-ex tfajla tal-*parte civile* illi rat l-istess incident isehh u setghat tikkonferma x'gara ezattament.

Illi ghalhekk il-Qorti, wara li semghat ix-xhieda u wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, hija konvinta illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghalqastant il-Qorti qed ssib lill- **imputat Alan Grech mhux hati** u qed tilliberah mill-akkuza migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**